**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 293/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD sive E B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 4 ta' Settembru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1.Illi huwa izzewweg lill- intimata CDB fit- 12 ta 'Gunju 1993 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola, is-siggiewi u z-zwieg ta' dil-kopja gie registrat fir-registru Pubbliku ta' Malta bin-numru; 1001/1993 (certifikat taz-zwieg anness Dok. A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwtaw is-seperazzjoni personali permezz ta' kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat in atti tan-nutar Dr. Simon Manicolo fit- 2 ta' Awwissu 2010 ( Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni mmarkat Dok. B);

Illi l-partijiet kellhom tlett ulied, minn daz-zwieg li huma FB li twieled fit- 30 ta 'Ottubru 1995, GH li twieldet fl- 1 ta' Settembru 1997 u I li twieled fis- 16 ta' Settembru 2002.

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-seperazzjoni u ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant AB jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' CD sive E B hu mahlul u li l-paritjiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dil-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CD sive EB**, datata 28 ta' Ottubru 2020 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi b' kull rispett mir-rikorrent jidher li nesa' jinforma il Qorti li wara l-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Awwissu 2020 ( vide kopja annessa mar-rikors promutur) sar att korrettorju tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, datat 20 ta' Gunju 2011 ( vide kopja hawn annessa bhala Dok DD1);

2. Illi l-esponenti ma ghandhix oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti AB hekk kif kontenmplat fir-rikors tieghu tal- 4 ta’ Settembru 2020 ossija talba biex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li z-zwieg taghhom ikun mahlul u konsegwentament ikunu divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi dment; a. Li hija ma tbatix l-ispejjez tal-proceduri, b. Tirriverti ghal kunjomha ta’ xebba u cjoe’ J, c. Kif ukoll li r-rikorrenti jhallas lil-esponenti dak indikat fil-prospett mahluf minnha hawn anness relattivament ma’ binhom I u dan ghall-perjodu bejn Settembru 2014 u Gunju 2018;

Illi matul tali perjodu ta’ circa 4 snin ir-rikorenti arbitrarjament waqaf ihallas ghall-spejjez edukattivi ta’ I ghaliex skont hu, l-edukazzjoni mhu ser twasslu mkien.

Illi globalment l-ispejjez imhallsa mill-esponenti waheda, jammontaw ghall - Ewro 5, 025. 40 u dunque, ir-rikorrenti ghandu jhallas nofshom, u cjoe’ is-somma ta’ Ewro 2, 512.70.

Illi tali ammont huwa dovut lill-esponenti mir-rikorrenti ai termini ta’ klawsola hamsa (5) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datata 2 ta’ Awwissu 2010 li tikkontempla dan li gej;

*‘Ir-ragel qieghed ukoll jobbluga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu ma’ kura medika, ilbies u edukazzjoni tat-tfal’.*

Illi l-esponenti qed tanetti dikjarazzjoni guramentata taghha flimkien mal-prospett minnha mhejji (vide kopja hawn annessa bhal Dok. DD 2).

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti precedenti.

Rat li r-rikors kien imholli ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat illi fl-ahhar zewg seduti deher biss ir-rikorrenti assisitit mill-avukat tieghu, u l-intimata ma deheritx.

Rat illi, ghalhekk, l-intimata ma ressqetx provi in sostenn tar-risposta taghha.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi fir-risposta taghha, l-intimata tallega li r-rikorrenti naqas milli jhallas is-sehem tieghu ghall-ispejjez edukattivi ta' binhom, u mal-istess risposta esebiet prospett ta' kif waslet ghall-ammont indikat minnha, liema prospett kien mahluf. Din hija l-unika prova li ressqet l-intimata, minghajr, izda, ebda ricevuta jew dokument iehor in sostenn tal-pretensjoni taghha. Min-naha tieghu, ir-rikorrenti esebixxa dokumenti li juru li hu kien hallas aktar minn dak mitlub mill-intimata. La darba ma deheritx fil-kawza u ressqet il-provi taghha, il-Qorti tqis li l-provi mressqa mir-rikorrenti mhumiex kontradetti u ghalhekk il-Qorti sejra tiddeciedi favur it-talbiet tieghu.

Mill-banda l-ohra, fl-istess risposta tal-intimata, hi qalet li m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri, u talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe' J. Minnha nfisha, din ukoll tikkostitwixxi nuqqas ta' oggezzjoni parzjali ghall-ghoti tad-divorzju. Donnu l-intimata, kif jghidu l-Inglizi, "wants the cake and eat it".

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg talbiet jistghu jintlaqghu flimkien mad-divorzju, ladarba ser jigi dikjarat il-hall taz-zwieg tal-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa 'it-talba u tordna li l-intimata tirreverti lura ghall- kunjom xbubitha u cjoe' J.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

]

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**